MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 729/2002

**Josephine Micallef**

**-vs-**

**Rita Dimech u Tony Cutajar; u b'digriet tal-15 ta' Lulju, 2003 is-soċjeta' Fogg Insurance Agencies Ltd. għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited, intervjeniet fil-kawża *in statu et terminis.***

**Il-Qorti;**

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fis-26 ta' Ġunju, 2002 li permezz tagħha l-attriċi ppremettiet:

Illi minhabba imprudenza, negliġenza, u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti u tar-regoli tat-traffiku u tal-komportament mistenni da parti tal-konvenuti, u dan b'dannu tal-attriċi, ġew kaġunati danni meta fit 12 ta' Lulju, 2000, fi Triq

Diċembru Tlettax, Marsa, għall-ħabta tal-5:30 ta' fil-għaxija seħħ inċident tat-traffiku li għalih kienu unikament responsabbli l-konvenuti.

Illi dawn id-danni, kemm bħal danni emerġenti u kemm bħal *lucrum cessans*, jikkonsistu fil-ħsara permanenti fuq il-persuna ta' l-attriċi, telf ta' xogħpl, u ħsara fil-vettura tagħha, ta' liema danni fuq il-vettura tħallset mill-assikurazzjoni tagħha, imma għandha tirrifondi l-ammonti dovuti.

Illi minkejja kull interpellazzjoni, ma kienx hemm risarċiment mill-konvenuti;

Jingħad għalhekk mill-konvenuti, għala din il-Qorti m'għandhiex:

1. tiddikjara lill-istess konvenuti, responsabbli tad-danni sofferti mill-attriċi meta fit-12 Lulju, 2000, fi Triq Diċembru Tlettax, Marsa għall-ħabta tal-5:30 ta' fil-għaxija seħħ inċident tat-traffiku li għalih kienu unikament responsabbli l-konvenut.

2. tillikwida d -danni kaġjonati, jekk hemm bżonn permezz ta' periti nominandi;

3. tikkundanna lill-konvenuti, għall-ħlas tad-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, bl-inġunzjoni minn issa għas-subizzjoni; inklużi l-ispejjeż oħra tal-ittra uffiċjali.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut Anthony Cutajar, ippreżentata fit-12 ta' Settembru, 2002 li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li għall-inċident in kwistjoni huwa m'huwiex responsabbli u fi kwalunkwe każ kien hemm il-kontributorjeta ta' sewwieqa oħra nvoluti f'dan l-inċident.

Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponent ma jirrispondix għad-danni pretiżi mill-attriċi billi kienu nvoluti sewwieqa oħra fl-istess inċident li kkontribwew għall-inċident u għall-eventwali danni kawżati.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut Anthony Cutajar u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta Rita Dimech, ippreżentata fit-12 ta' Novembru, 2002 li permezz tagħha eċċepiet:

1. Illi l-ewwel talba attriċi in kwantu diretti fil-konfront tal-eċċipjenti, hija nfondata sia fil-fatt u sia fid-dritt u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż *stante* li għall-incident *'de quo'* kien unikament responsabbli l-konvenut l-ieħor Tony Cutajar *stante* imperizja, negliġenza, traskuraġni, imprudenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

2. Illi jsegwi li t-tieni talba attriċi għandha tiġi respinta bl-ispejjeż *stante* li ma hemmx danni x'jiġu likwidati fil-konfront tal-eċċipjenti.

3. Illi jsegwi li t-tielet talba attriċi għandha similarment tiġi respinta bl-ispejjeż *stante* li ma hemmx danni li għalihom l-eċċipjenti għandha tiġi kundannata li tħallas lill-attriċi.

4. Illi relattivament għall-kap tal-ispejjeż, dana għandu jiġi unikament soffert mill-partijiet l-oħra.

5. Salv eċċezjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuta Rita Dimech u l-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet tal-15 ta' Lulju 2003 li permezz tiegħu ġiet ammessa bħala intervenuta fil-kawża s-soċjeta' Fogg Insurance Agency Limited fil-kwalita' tagħha ndikata;

Rat in-nota tal-eccezjonijiet tas-soċjeta’ intervernuta fil-kawża Fogg Insurance Agency Limited għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta’ estera Norwich Union International Insurance Limited, ippreżentata fit-8 ta’ Marzu, 2004 li permezz tagħha eċċepiet:

1. Illi t-talbiet attrici fil-konfront ta’ Rita Dimech huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-Dritt u dan minħabba illi l-inċident awtomobilistiku in kwistjoni seħħ unikament minħabba traskuraġni, negliġenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut l-ieħor Tony Cutajar, kif jista’ jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tas-soċjeta’ intervenuta fil-kawża Fogg Insurance Agency Limited għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta’ estera Norwich Union International Insurance Limited u l-lista tax-xhieda.

Semgħet il-provi u rat l-affidavits;

Rat ir-rapporti tal-esperti mediċi;

Rat in-noti tas-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ Diċembru 2009 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed titlob danni li qed tallega li sofriet fl-inċident in kwistjoni. Hija qed titlob danni riżultanti mill-ħsara li sofriet f’persuntha, peress illi tħallset mis-soċjeta’ assikuratriċi tagħha għall-ħsarat li kellha fil-vettura, li ġiet danneġġjata *beyond econimic repair*.

IL-PROVI

Dwar kif ġara l-inċident il-Qorti għandha iktar minn verżjoni waħda.

L-attriċi ippreżentat *oltre* l-affidavit tagħha, anke affidavit ta' ommha Mary Scerri li kienet riekba magħha u missierha Carmelo Scerri, illi mar fuq il-post meta ġie nformat bl-inċident u ħa xi ritratti. Hija qalet illi meta kienet qed issuq fil-post indikat, peress li kien hemm ħafna traffiku, f'ħin minnhom waqfet u ftit sekondi wara ħasset daqqa qawwija ħafna fuq wara tal-vettura tagħha. Għalkemm kienet marbuta biċ-ċinturin ġiet mitfugħa fuq il-*windscreen* u lura; ftit sekondi wara semgħet il-ħoss tal-*brakes* ta' vettura oħra li daħlet fuq il-vettura li kienet daħlet ġo fiha u reġgħet tefgħetha fuq il-*windscreen*; madankollu l-ikbar daqqa kienet l-ewwel waħda. Il-vettura ta' warajha kienet misjuqa mill-konvenuta u l-oħra mill-konvenut. Sofriet ħsarat f'persuntha li dwarhom jingħad aktar tard u l-karozza tagħha ġiet danneġġjata sew billi ġiet magħfusa bejn żewġ vetturi. Mary Scerri kkonfermat dak li qalet bintha u Carmelo Scerri kkonferma li ħa r-ritratti li ġew esebiti.

Dr. Anthony Zrinzo kkonferma illi rrilaxxa ċ-ċertifikati esebiti mill-attriċi u li huwa kkuraha. Skond iċ-ċertifikat rilaxxjat minnu hija sofriet diżabilita' permanenti ta' tlettax fil-mija (fol. 94).

Il-konvenuta Rita Dimech fl-affidavit tagħha (fol 106) issostni illi l-attriċi daħlet fuq il-vettura ta' quddiemha u hi li kienet qed issuq warajha waqfet mingħajr ma laqtitha; sakemm ħarġet biex tara x'ġara (lill-attriċi kienet tafha għaliex kienu jaħdmu flimkien), ġiet minn warajha l-vettura ta' Cutajar u daħlet fuqha. B'din id-daqqa l-vettura tagħha ntefgħet fuq dik tal-attriċi. Xehdet ukoll li wara l-inċident l-attriċi ma dehritx muġugħa. Ġiet kontro-eżaminata fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2007 fejn ġiet ukoll kontro-eżaminata l-attriċi. Il-konvenut Cutajar xehed a fol 141; skond dak li ftakar il-vetturi ta' quddiemu kienu ġia' maħbutin; hu daħal fuq il-vettura JAT 353 misjuqa minn Dimech).

Il-Qorti, billi kellha l-opportunita' li tisma' lill-attriċi u lill-konvenuta hija mija fil-mija konvinta li l-verżjoni tal-attriċi hija dik veritjiera. Dan setgħet tikkonstatah bil-mod kif il-

partijiet ikkomportaw ruħhom waqt il-kontro-eżami. Anke l-konvenut Cutajar kien konvint li l-vetturi kienu ġia' maħbuta (għalkemm naturalment kellu interess jgħid dan). Pero' anke d-depożizzjoni tiegħu tidher veritjiera.

Ma hemmx dubju għalhekk illi l-konvenuti, illi t-tnejn daħlu fuq il-vettura ta' quddiemhom huma responsabbli għall-inċident u għall-ħsara li sofriet l-attriċi. Hija regola importanti f'inċidenti simili, illi s-sewwieq illi jkun qed isuq wara vetturi oħra, għandu l-obligu illi jkollu l-kontroll tal-vettura b'mod illi jkun jista' jieqaf x'hin ikun hemm dan il-bżonn u jżomm *proper look out* biex kif tieqaf il-vettura ta' quddiemu, huwa jew hija jkun jew tkun f'pożizzjoni li tieqaf ukoll (Ara per eżempju s-sentenzi fl-ismijiet: **"Bonnici vs Gauci"** Appell Ċivili – 25 ta' Gunju 1984, u **"Calleja vs Glanville**" Prim' Awla – 11 ta' Jannar 2002).

Fir-rigward ta' kif għandha tiġi spartita r-responsabbilta', l-attriċi ssostni b'ċerta konvinzjoni illi kienet l-ewwel daqqa li kienet l-ikbar daqqa u dan huwa kkonfermat anke mid-depożizzjoni ta' ommha li ma ġietx kontro-eżaminata. Ma hemmx dubju għalhekk li l-konvenuta Dimech għandha ġġorr l-ikbar responsabbilta' għall-ħsara li sofriet l-attriċi għaliex il-Qorti anke hawn ma għandha ebda dubju dwar il-veraċita' tad-depożizzjoni tal-attriċi, illi żgur ma għandha ebda interess partikolari mingħand min titħallas id-danni. Huwa ukoll ovvju illi d-daqqa li ħadet mill-vettura ta' Dimech illi kienet direttament fuq il-vettura tagħha kellha mpatt akbar fuq l-istess vettura mid-daqqa li ħadet il-vettura ta' Dimech mill-vettura ta' Cutajar, u allura fuq dik tal-attriċi. Għalhekk dak li qed issostni l-konvenuta fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha li allura għandu japplika l-prinċipju illi r-responsabbilta' għandha tkun spartita ugwalment (kif deċiż mill-Qrati tagħna f'certi każi bħal: **"Galdes vs Micallef"** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Jannar 1964) ma ssibx riskontru loġiku f'dan il-każ għaliex il-Qorti żgur tista' tistabbilixxi li r-responsabbilta' tal-konvenuta kienet akbar. Il-Qorti jidhrilha illi għandha tapplika d-dispożizzjonijiet tal-artiklu 1050 (2) tal-Kodiċi Ċivili illi jippermetti l-Qorti fiċ-ċirkostanzi partikolari li tispartixxi t-tort fi kwoti mhux ugwali *("... il-Qorti tista' tqassam fuq kull wieħed is-somma meħtieġa għall-ħlas*

*tal-ħsara f'ishma ndaqs jew mhux indaqs ...")* u għalhekk iżżomm lill-konvenuta responsabbli għal erba' kwinti ($^{4}/_{5}$) u l-konvenut għal kwint ($^{1}/_{5}$) tad-danni subiti mill-attriċi.

Stabbilit dan il-Qorti tgħaddi biex tillikwida dawn id-danni ftit jew wisq fuq il-linji traċċjati mill-Qorti tal-Appell fil-kawża **"Butler vs Heard"** (1967). Il-Qorti għall-ewwel se tillikwida bil-munita ta' dak iż-żmien billi l-provi jsemmu dawn l-ammonti u tagħmel il-konverżjoni għall-Euro fl-aħħar tas-sentenza.

Bħala danni reali fl-affidavit tagħha l-attriċi qalet li nefqet Lm458 fi spejjeż mediċi għalkemm kellha spejjeż oħra mediċi illi ġew rifużi lilha mid-ditta assikuratriċi tagħha. Qalet ukoll li l-vettura kienet assikurata għal Lm1900 iżda fiċ-ċitazzjoni qalet illi dawn tħallsu lilha mill-istess ditta. Għalhekk bħala *damnum emergens* kien hemm Lm458.

Fir-rigward tal-*lucrum cessans*, l-attriċi kellha 38 sena meta ġara l-inċident; għalhekk jidher raġonevoli illi s-somma tinħadem fuq l-hekk imsejjaħ *multiplier* ta' għoxrin sena. Is-salarju tagħha kien Lm6, 100 fl-1999 u fl-2000 kien se jkun ftit aktar iżda minħabba l-inċident tilfet ċirka tlett xhur xogħol (minn Lulju sa Settembru) u għalhekk ipperċepiet Lm5,470. Biex tagħmel tajjeb għall-inflazzjoni u żidiet relattivi fis-salarju l-Qorti fuq l-iskorta ta' ċerti sentenza (per eżempju **"Caruana vs Cauchi"** – Qorti tal-Appell, 30 ta' Mejju 2008) se tillikwida s-somma billi żżid Lm6,200 bi ħmistax fil-mija (15%), u dan jammonta għal Lm7,130. Dan jinkludi wkoll xi qliegħ li setgħet għamlet mill-fatt li kienet tħit għan-nies bħala xogħol *extra* li minnu kienet taqla' ċirka Lm300 fis-sena.

Il-perit mediku Mr Charles Sciberras u anke dawk addizzjonali, ikkalkolaw li l-attriċi sofriet diżabilita' ta' tnax fil-mija (12%), u dan jaqbel sew ma' dak illi ddikjara Dr Zrinzo li kien ikkuraha tlettax fil-mija (13%). Għalhekk il-Qorti se taħdem is-somma billi tillikwida tnax fil-mija (12%) ta' sebat elef, mija u tletin Lira Maltin (Lm7,130) għal għoxrin sena sena – li jammonta għal sbatax-il elf, mija u tnax-il Lira Maltin (Lm17,112). Peress li l-attriċi kellha tieħu tlett xhur *unpaid leave*, ekwivalenti għal ċirka elf u

ħames mitt Lira Maltin (Lm1,500) dan qed jiżdied ma' din is-somma biex iġib total ta' tmintax-il elf, sitt mija u tnax-il Lira Maltin (Lm18,612) illi miżjud ma' erba' mija u tmienja u ħamsin Lira Maltin (Lm458) fuq imsemmija jammontaw għal dsatax-il elf, u sebgħin Lira Maltin (Lm19, 070) jew erbgħa u erbgħin elf, erba' mija u wieħed u għoxrin Ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€44,421.15); fuq dak li intqal qabel, il-konvenuta għandha tħallas ħamsa u tletin elf, ħames mija u sitta u tletin Ewro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€35,536.92) u l-konvenut tmient elef, tmien mija u erbgħa u tmenin Ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€8,884.23). Il-Qorti mhix se tnaqqas xejn għal ħlas f'daqqa *stante* d-dewmien biex tinqata' l-kawża li għalih l-attriċi ma kellhiex tort.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u intervenuta fil-kawża u tilqa' t-talbiet attriċi billi tiddikjara lill-konvenuta Dimech responsabbli għall-$^{4}/_{5}$ u lill-konvenut Cutajar għall-$^{1}/_{5}$ għall-inċident in kwistjoni u d-danni kawżati, u għalhekk tikkundanna lill-konvenuta Dimech tħallas lill-attriċi s-somma ta' ħamsa u tletin elf, ħames mija u sitta u tletin Ewro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€35,536.92), u l-konvenut Cutajar iħallas is-somma ta' tmient elef, tmien mija u erbgħa u tmenin Ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€8,884.23) lill-attriċi; l-ispejjeż jitħallsu $^{4}/_{5}$ mill-konvenuta Dimech u $^{1}/_{5}$ mill-konvenut Cutajar; iżda s-soċjeta' intervenuta fil-kawża għandha tħallas l-ispejjeż kollha tagħha, kif ukoll tal-perizja addizzjonali billi din intalbet minnha u fil-konklużjonijiet tagħha kienet taqbel eżatt ma' dik tal-espert mediku Mr. Sciberras.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------